**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 336/2021 RM**

**Direttur għas-Servizzi Korrettivi il-Kurunell Alexander Dalli**

**-Vs-**

1. **Karl Azzopardi bħala awtur tal-artikolu fil-gazzetta MALTATODAY**
2. **Saviour Balzan bħala Editur tal-gazzetta ILLUM u b'digriet mogħti fil- 5 ta' Jannar 2022 il-kelma 'ILLUM' ġiet imħassra u sostitwita bil-kelma 'MALTATODAY'**

**Illum, 10 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu l-attur, id-Direttur għas-Servizzi Korrettivi l-Kurunell Alexander Dalli talab il l-konvenuti jħallsuh dik is-somma li l-Qorti tiddetermina ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama bħala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra, meta bhala awtur u edituri rispettivament tal-artikolu intitolat 'Corradino inmate straped tp restraint chair, prison director denies' ippublikat fil-ġurnal kemm dak

eletroniku u kif ukoll stampat Maltatoday, nhar it-Tlieta 22 ta' Dicembru, 2020, tajt malafama lill-attur b'allegazzjonijiet foloz u malafamanti fejn, fost ohrajn, allegajt li huwa kien responsabbli ta' agir abbuziv billi użha s-siġġu ta' trażżin bħala kastig fuq priġunier u indikajt priġunier b'ismu ċertu Alfred Bugeja magħruf bħala 'il-Porporina' ktibt il-kliem u nikkwota dirett mill-artikolu , "The director of prisons Alex Dalli is denying reports received by MaltaToday that he placed a long-term inmate on a restraint chair in the middle of the Corradino prinson's certral hall to quash the prisoner's protests. The career criminal Alfred Bugeja known as 'il-Porporina', was said to have been strapped to the infamous restraint chair..." L-artikolu jkompli jzid jgħid, "The prison administration has recently come under fire following reports that inmates were being bound to a chair as a form of punishment and humiliation".

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenuti Saviour Balzan u Karl Azzopardi fis-16 ta' Diċembru 2021fejn eċċipew:-

1. *" Preliminarjament, il-gazzetta "Illum" m'ghandha x'taqsam xejn ma dan il-kaz u ghalhekk trid issir id-debita korrezzjoni fl-avviz promotur.*

2. *In linea preliminari wkoll, l-attur ghandu jindika b'mod preciz liema brani jqis malafamanti fil-konfront tieghu, sakemm dawn mhumiex limitati biss ghall-brani citati verbatim fit-talba.*

3. *F'kull kaz, il-fatti esposti fil-pubblikazzjoni ma jikkontjenux allegazzjonijiet foloz.*

4. *Bla hsara ghall-premess, il-pubblikazzjoni hija ta' interess pubbliku u l-esponenti kienu qed jaqbdu korrettement id-dmirijiet taghhom li jirraportaw dwar ahbar ta' importanza pubblika f'socjeta' demokratika li thaddan bi shih il-liberta' tal-espressjoni.*

5. *Minghajr pregudizzju, il-pubblikazzjoni tikkostitwixxi fair comment.*

6. *In oltre, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi.*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri"*

Rat id-digriet tagħha mogħti fil-5 ta' Jannar 2022 fejn ordnat illi l-kelma 'ILLUM', b'referenza għall-kwalita' li fiha ġie mħarrek il-konvenut Saviour Balzan fir-Rikors promotur, titħassar u tiġi sostitwita bil-kelma 'MALTATODAY';

Semgħet lil Dr. Andrew Saliba jagħti ruħu b'notifikat għall-konvenuti fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2022 Saviour Balzan bir-Rikors promotur kif korrett in segwitu għad-digriet tal-5 ta' Jannar 2022;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur fit-3 ta' Mejju 2023;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ippreżentata mill-konvenuti Yendrick Cioffi u Saviour Balzan fit-18 ta' Mejju 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur ħassu malafamat bl-artikolu li ġie pubblikat fil-ħarġa tal-gazzetta Maltatoday tat-22 ta' Diċembru 2020 intestat "***Corradino inmate strapped to restraint chair, prison***", liema artikolu deher siha fl-edizzjoni elettronika tal-gazzetta, maltatoday.com.mt kif ukoll fl-edizzjoni stampata tal-istess gazzetta, fit-22 ta' Diċembru 2020. Ħassu aggravat speċifikatament is-segwenti brani li ġew ċitati espressament fir-Rikors promotur kif ukoll indikati bil-kulur isfar fl-artikolu anness mar-Rikors promotur 'Dokument A':-

"*The director of prison Alex Dalli is denying reports received by MaltaToday that hw placed a long-term inmate on a restraint chair in the middle of the Corradino prison's central hall to quash the prisoner's protests. The career criminal Alfred Bugeja known as 'il-Porporina' was said to have been strapped to the infamous restraint chair ...*

....

*The prison administration has recently come under fire following reports that inmates were being bound to a chair as a form of punishment and humiliation.*"

Għalkemm l-attur fir-Rikors promotur ta x'jifhem bl-użu tal-kliem "*fost oħrajn*", illi hemm iktar brani fl-artikolu impunjat li ħassu malafamat bihom, baqa' ma indikax lanqas fix-xhieda tiegħu xi siltiet oħrajn fl-artikolu impunjat u l-Qorti ma taqbilx li huwa l-kompitu tagħha li tifli l-pubblikazzjoni biex tidentifika hija stess xi asserzjonijiet jew kummenti li jistgħu jkunu potenzjalment malafamanti għall-attur. Tqis illi jinkombi lill-attur jispeċifika espressament liema stqarrijiet huma fil-mira tal-azzjoni għal malafama u l-imputazzjoni li titnssel mill-istqarrijiet fil-pubblikazzjoni impunjata. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tillimita l-istħarriġ tagħha għaż-żewġ siltiet espressment indikati mill-attur sabiex tiddetermina jekk, meħudin fil-kuntest tal-pubblikazzjoni kollha, dawn iwasslu imputazzjoni li hija diffamatorja għall-attur.

L-artikolu jirrapporta tagħrif imwassal lill-gazzetta MaltaToday - allegatament minn diversi sorsi - li l-priġunier illi l-Ministru Byron Camilleri stqarr f'risposta għal

mistoqsija parlamentari kien ġie marbut ma' '*restraint chair*' fuq parir ta' tabib, huwa Alfred Bugeja 'il-Porporina', priġunier notorju li qed iservi sentenza ta' priġunerija għal diversi snin. Jirrapporta speċifikatament illi in segwitu għal rapporti li kienu qed isiru dak iż-żmien dwar irbit ta' priġunieri ma' siġġu bħala forma ta' kastig, ħareġ illi dan il-priġunier kien inżamm maqful għal ċirka ħamsa u erbgħin minuta f'*restraint chair* fiċ-ċentru tas-sala prinċipali fil-ħabs imdawwar bi priġunieri oħrajn, u dan bħala kastig u biex jissikket wara li kien ipprotesta kontra lbies mandatorju tal-uniformijiet tal-ħabs.

L-artikolu mbagħad jgħaddi biex jittratta l-materja kontroversjali dwar l-użu ta' *restraint chair* f'ħabs bħala forma ta' kastig u jargomenta li l-irbit tal-priġunieri mhux biss m'għadx hemm lok għalih fiż-żminijiet tal-lum minħabba li l-ammistrazzjoni tal-ħabs għandha biżżejjed riżorsi biex jimmaniġġja priġunieri li joħolqu l-inkwiet fil-ħabs, iżda huwa vjetat espressament mir-regolamenti tal-ħabs. Ġie rapportat ukoll li skont is-sorsi li kellmu lill-gazzetta, dan is-siġġu, li għandu struttura tal-azzar u fih ċinet għar-ras, saqajn u idejn tal-priġunier, jeżisti u għadu qed jinżamm x'imkien fil-ħabs fejn ma jidhrix.

L-artikolu jirrapporta wkoll il-verżjoni tal-attur Alexander Dalli, id-Direttur għas-Servizzi Korrettivi, li meta ġie avviċinat għall-kummenti u l-verżjoni tiegħu, ċaħad kategorikament dawn ir-rapporti li wasslu għand il-gazzetta u insista li l-allegazzjoni li l-Porporina inqafel ma' dan is-siġġu hija falza u infondata u intiza biss "*to further sensationalise the issue*".

**<u>Provi mressqa mill-Attur</u>**

**Alexander Dalli, l-attur**, ħassu aggravat bl-allegazzjoni li Alfred Bugeja il-Porporina kien intrabat fuq ordnijiet tiegħu fiċ-ċentru tas-sala prinċipali fil-ħabs, kif ukoll bl-asserzjoni li dan kien qed isir sistematikament bħala forma ta' kastig u umiljazzjoni tal-priġunieri u jisħaq illi l-imputazzjoni li tinsilet minn dawn l-istqarrijiet hi li huwa responsabbli ta' aġir abbużiv. Xehed illi huwa safa fil-mira ta' attakki ripetuti fil-

midja fejn ġie allegat li huwa mexa b'aġir abbużiv fil-kariga tiegħu ta' Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Ċaħad kategorikament li jeżisti siġġu tal-kastig u qal li l-istorja ppubblikata hija gidba sfaċċata. Afferma, madankollu, li jeżisti *restraint chair* li jintuża meta biex jikkalma xi priġunier li jkun f'pożizzjoni li jweġġa' lilu nnifsu jew lil ħaddieħor u stqarr li fil-ħabs inevitabbilment jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn iridu jittieħdu miżuri ta' kontroll.

**Alfred Bugeja**, magħruf bħala l-Porporina, xehed[1] illi huwa qed jiskonta sentenza ta' wieħed u tletin sena ħabs u sar jaf dwar il-pubblikazzjoni impunjata meta mar fuqu ħabib tiegħu, ċertu David, u staqsih: "*mela vera rabtuk fuq il-wheelchair kienu?*", David qralu l-artikolu fil-gazzetta u qal li hekk kienu qalulu wkoll. Alfred Bugeja ikkonferma li r-ritratt fil-gazzetta huwa ritratt tiegħu (Dok. AB1) iżda ċaħad li d-direttur qatt rabtu ma' xi siġġu fis-sala ċentrali u li daħħak in-nies bih, u nnega wkoll li kellu argoment ma' uffiċjal tal-ħabs dwar l-ilbies tal-uniformi. Sostna li minħabba dak li ġie pubblikat fil-gazzetta, kellu xi jgħid ma' martu għaliex kienet qrat l-istorja u qaltlu "*ma tridx tisma' inti*" u ġie avvelit ma' Malta kollha. Xehed ukoll li kienu jgħidu fil-ħabs li hemm siġġu tat-tortura iżda huwa qatt ma rah għalkemm ilu l-ħabs ħmistax-il sena. Lill-attur huwa faħħru bħala persuna tad-dixxiplina li jimxi sew mal-priġunieri u kien għenu jaqbad it-triq it-tajba u filwaqt li stqarr ukoll li qatt ma ra ebda forma ta' kastig, stqarr li darba minnhom l-attur kien qaflu fiċ-ċella għal tliet ijiem sħaħ għaliex kien qed iparla "*fil-vojt*".

**Helenio Galea**, *Senior Inspector* fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, xehed[2] illi fil-ħabs jeżisti *restraint chair* li huwa siġġu tal-ħadid bir-roti, bil-*foam* mad-dahar tiegħu u ċinet għall-irbit tas-saqajn u l-idejn biex il-priġunier ma jkunx jista' jiċċaqlaq b'ebda mod. Madankollu, dan kien jinżamm maqful ġo kamra msejħa "*strong room*" u qatt ma ntuża fil-preżenza tiegħu. Barra minn hekk, ħadd qatt ma qallu li xi priġunier intrabat ma' dan is-siġġu. Ikkonferma illi siġġijiet bħal dawn jeżistu f'kull ħabs fl-Ewropa skont kif ġie konfermat lilu minn Europris u jintużaw meta priġunier ikun

---

[1] Xhieda tal-25 ta' Mejju 2022.
[2] Xhieda tal-25 ta' Mejju 2022.

aggressiv jew biex jiġi evitat li jweġġa' lilu nnifsu jew lil ħaddieħor, iżda mhux għal skop ta' kastig. Xehed ukoll illi meta kien jiġi pubblikat xi artikolu bħal dan li qed jiġi impunjat f'din il-kawża, l-attur kien iħossu "*down, depressed*" u kien ikun imweġġa'.

**Carmel Bonnici**, *Senior Inspector* fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin inkarigat mir-reklutaġġi, xehed[3] illi huwa ilu jaħdem fil-Faċilita' sa mill-1989 u ddeskriva lill-attur bħala persuna b'esperjenza siewja li kiseb suċċessi importanti fi ħdan il-ħabs u bħala dedikat ħafna lejn xogħolu. B'responsabbilita' iddikjara illi l-attur qatt ma wera xi trattrament inuman jew vjolenti fil-konfront ta' persuni fi ħdan il-ħabs, priġunieri jew uffiċjali. Xehed ukoll li l-attur wettaq bosta riformi fil-ħabs b'mod ħolistiku, fosthom fid-dixxplina li tjiebet iżda b'mod bilanċjat. Fost ir-riformi li saru mill-attur fil-Ħabs, hemm il-knisja, uffiċini u l-akkademija u taħt it-tmexxija tal-attur ġew konfiskati numru sostanzjali ta' armi.

**Conrad Saliba**, *Senior Inspector* fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin inkarigat mill-Iskwadra tal-SOG (Special Operations Group), xehed[4] li ilu jaħdem fil-ħabs mis-sena 2000 u minħabba xogħlu fl-SOG kien jaħdem viċin ħafna mal-attur b'mod regolari. Iddeskriva lill-attur bħala persuna responsabbli u ta' integrita'u għaqal f'xogħlu. Qal li l-attur kien juża metodi umanitarji ħafna f'xogħolu, fosthom fil-komunikazzjonijiet, irrispettivament mill-gravita' tal-każ. Filwaqt li huwa bniedem iddixxiplinat ħafna, kien juża d-dixxiplina b'mod responsabbli u għaqli u kien juri rispett lejn kull individwu fil-ħabs, irrispettivament mill-każ jew storja tal-persuna. Ikkonferma li l-attur wettaq bosta riformi fil-ħabs u kien eleva numru ta' armi mill-pussess ta' priġunieri, filwaqt li qatt ma wera vjolenza jew abbuża mis-setgħet tiegħu jew ittratta li xi ħadd, inkluż priġunier, b'mod inuman. Saħaq li l-metodi tad-dixxiplina li kien juza l-attur kienu umanitarji u responsabbli.

<u>**Verżjoni tal-Konvenuti**</u>

[3] Affidavit ippreżentat fit-2 ta' Frar 2023.
[4] Affidavit ippreżentat fit-2 ta' Frar 2023.

**Karl Azzopardi**, il-konvenut, fix-xhieda tiegħu[5] ikkonferma li huwa l-awtur tal-artikolu impunjat li deher fil-ħarġa tal-gazzetta MaltaToday tat-22 ta' Diċembru 2022 u li kiseb l-informazzjoni dwar l-episodju fejn Alfred Bugeja, 'il-Porporina' ġie marbut mar-*restraint chair*, mingħand tliet sorsi differenti: tnejn minnhom gwardjani ġewwa l-ħabs u wieħed minnhom priġunier. Dawn is-sorsi lkolla irrakkontawlu kif ir-*restraint chair* kien jintuża bħala forma ta' kastig fiż-żmien meta kien Direttur Alexander Dalli u li l-Porporina kienu qegħduh f'dan is-siġġu f'nofs is-sala ċentrali tal-ħabs imdawwar bi priġunieri oħrajn għal madwar 45 minuta. Xehed ukoll illi meta reċentement staqsa lil dawn is-sorsi biex jixhdu f'din il-kawża, kollha irrifjutaw peress li l-gwardjani għadhom jaħdmu fil-ħabs u l-priġunier għadu qed jiskonta sentenza ta' ħabs.

**Emmanuel Cassar**, li kien jaħdem bħala *correctional officer* bejn Awwissu 1996 u Marzu 2019 meta ġie mkeċċi mill-impieg tiegħu, xehed illi għalkemm huwa m'huwiex wieħed mis-sorsi tal-awtur tal-artikolu, u qatt ma ra b'għajnejh ir-*restraint chair* jintuża barra mill-kamra fejn tinsab, ċioe' fil-Green Room, kien sema' mingħand diversi persuni li għadhom jaħdmu l-ħabs illi l-Porporina kien fil-fatt intrabat ma' dak is-siġġu u tpoġġa fis-sala ċentrali tal-ħabs imdawwar b'erba' diviżjonijiet fejn jistgħu jarawh mill-qrib mat-tliet mitt priġunier. Iddeskriva lil dan is-siġġu bħala magħmul mill-injam biċ-ċineg intiżi biex persuna tintrabat fis-siġġu bihom. Dan is-siġġu rah diversi drabi fil-Green Room, fejn il-priġunieri jittieħdu biex jiġu eżaminati medikalment, għaliex il-bieb ta' din il-kamra kien dejjem jitħalla miftuħ.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta illi l-konvenut Karl Azzopardi huwa l-awtur tal-artikolu impunjat. Ma tressqu ebda provi mill-attur biex juri li l-konvenut Saviour Balzan huwa fil-fatt l-editur jew l-editur reġistrat tal-gazzetta 'Maltatoday' jew tas-sit elettroniku

[5] Affidavit Dok. KA, preżentat fil-15 ta' Marzu 2023.

www.maltatoday.com.mt[6] li ppubblikat dan l-istess artikolu, iżda l-konvenut ma jikkontestax il-fatt li huwa ġie mħarrek bħala "*editur tal-gazzetta Maltatoday*" u ma ġiet imressqa ebda eċċezzjoni f'dan is-sens, lanqas in segwitu għall-korrezzjoni li saret fir-Rikors promotur bis-saħħa tad-digriet tal-5 ta' Jannar 2022. Kollox magħdud, il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm x'juri li l-konvenut Saviour ġie mħarrek ħażin u konsegwentement, sejra tqisu bħala leġittimu kontradittur tat-talba attriċi.

L-artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jiddisponi illi l-azzjoni ċivili għal malafama taħt dan l-Att dwar kull ħaġa ppubblikata fil-midja tista' tittieħed kontra kull waħda mis-segwenti persuni: l-awtur, l-editur u, meta dawn tal-aħħar m'humiex faċilment identifikabbli, ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni. Għalhekk, billi ż-żewġ konvenuti huma l-awtur u l-editur rispettivament tal-pubblikazzjoni impunjata, isegwi li l-azzjoni ġiet esperita korrettement fil-konfront tagħhom. Jiġi osservat ukoll li huwa prinċipju ġenerali tal-liġi tad-diffamazzjoni li l-persuni kollha li jipprokuraw jew jipparteċipaw fil-pubblikazzjoni ta' libell, ċioe' il-ġornalist, l-editur u l-persuna reponsabbli għall-pubblikazzjoni, jitqiesu li huma lkoll solidalment responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-persuna aggravata.

Ikkunsidrat;

L-attur jissemma b'ismu fil-pubblikazzjoni impunjata u għalhekk m'hemmx dubju li huwa identifikat. Il-Qorti għalhekk trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, stabbilit mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (l-Att), huwiex sodisfatt f'dan il-każ partikolari. Dan l-artikolu jistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja, lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u, f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju.

---

[6] Ara dokument f'paġna 2 tal-atti tal-kawża, fejn jidher li l-artikolu ġie pubblikat fuq is-sit elettroniku www.maltatoday.com.mt. L-artikolu stampat fil-gazzetta MaltaToday, imsemmi fir-Rikors promotur,

Kif ġie ribadit diversi drabi minn din il-Qorti, ir-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata, introdott għall-ewwel darba permezz tal-liġi l-ġdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-suċċess ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Ligi tal-Istampa (Kap. 248). Jingħad ukoll li dan il-kriterju huwa relevanti esklussivament għas-success tal-azzjoni - mhux għall-fini tal-kwantifikazzjoni tad-danni - u dan sabiex jigi determinat jekk l-istqarrija impunjata ghandhiex titqies bhala diffamatorja jew le għall-finijiet tal-Att. Il-Qorti tirriafferma wkoll il-prinċipju li l-istharriġ li jrid isir għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar l-element tal-ħsara serja, huwa wieħed li ghandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att u mill-Qorti sua sponte mingħajr il-ħtiega li titressaq eċċezzjoni *ad hoc* fir-rigward u dan ghaliex il-kriterju jincidi fuq l-azzjonabbilita` tal-allegat malafama.

Gatley, fil-kummenti tiegħu dwar l-Artikolu 1 tad-Defamation Act UK[7], jgħid illi l-mera tendenza tal-imputazzjoni li tinċidi negattivament u b'mod sostanzjali fuq ir-reputazzjoni ta' persuna, ma għadhiex iktar suffiċjenti sabiex issostni azzjoni taħt il-liġi l-ġdida, għaliex din introduċiet kriterju ferm iktar oneruż minn hekk, kriterju li jeħtieġ li l-imputazzjoni impunjata mhux biss trid tkun kapaċi li tolqot ħażin ir-reputazzjoni tal-persuna iżda għandha tikkaġuna jew tkun kapaċi li tikkaġuna ħsara sejra lir-reputazzjoni.

Għad-determinazzjoni tal-kriterju tal-ħsara serja għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att, jeħtieġ qabel xejn jiġi stabbilit x'inhi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża, ċitati iktar qabel. Jingħad illi fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni diffamatorja fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jigi stabbilit jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna raġjonevoli u ta' intelliġenza ordinarja ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha raġjonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.

[7] On Libel and Slander (2013 Ed.) 2.6, p. 41.

Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet impunjati hija illi **l-attur, li jirriżulta illi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni kien il-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi**[8]**, jabbuża mis-setgħat tiegħu fl-enforzar tad-dixxiplina fil-ħabs bl-użu ta' mezzi ta' kastig mhux ortodossi li huma umiljanti għall-priġunieri.**

Il-Qorti tqis illi l-kariga ta' direttur jew kap eżekuttiv ta' entita' li tmexxi faċilita' penali u korrettiva - l-għola kariga fit-tmexxija tal-ħabs - hija indubbjament kariga pubblika ferm importanti u ta' responsabbilita' gravi li tesiġi mhux biss grad sostanzjali ta' kompetenza, kontabbilita`, serjeta' u dixxiplina soda, iżda wkoll sensittivita' u prudenza fl-imġieba tal-persuna li tokkupa kariga bħal din. Dan qed jingħad naturalment, minħabba d-diffikoltajiet ġenerali riskontrati fejn jidħlu l-priġunieri li, bħala persuni maqtugħin mis-soċjeta' u pprivati mil-liberta' tagħhom, jinsabu f'sitwazzjoni li minnha nnifisha tirrendihom vulnerabbli. *Multo magis* id-diffikoltajiet miżgħuda li jiffaċċjaw priġunieri li jbatu minn ansjeta' jew problemi ta' saħħa mentali.

Hija għalhekk il-fehma tal-Qorti illi kull imputazzjoni li l-attur jabbuża mis-setgħat tiegħu fit-twettiq ta' din il-kariga, speċjalment meta din l-imputazzjoni ssir f'pubblikazzjoni ta' *mass media* inkluż fuq *online news portal* fejn hija leġittima l-inferenza li din għandha udjenza kbira, timpinġi direttament u negattivament fuq il-kompetenza tiegħu għal din il-kariga pubblika u tiskreditah. Effettivament, l-asserzjoni li l-attur f'kariga ta' poter bħal din kien jenforza metodi ta' dixxiplina mhux ortodossi fosthom li jumilja lill-priġunieri billi bħala kastig jordna li jintrabtu ma' siġġu għal tul ta' ħin, hi inerentement kapaċi li toskura b'mod serju l-istima tal-attur f'għajnejn il-pubbliku in ġenerali[9].

"*It has been held defamatory to write of someone that he has been guilty of oppressive, intolerant, insulting, reprehensible, threatening or unbrotherly conduct,*

---

[8] Ara r-Rikors promotur.

[9] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*

*or of a breach of duty or that his actions are motivated by revenge when he asserts other motives, or that he is a 'heartless, rude bastard'; or to impute 'any dishonourable conduct to another though not involving a breach of positive law.*"[10]

Iżda hawnhekk il-Qorti tħoss li għandha tenfasizza illi huwa wkoll prinċipju stabbilit fil-liġi tad-diffamazzjoni illi fid-determinazzjoni dwar jekk l-artikolu impunjat iwassalx imputazzjoni li hi diffamatorja, **huwa l-artikolu kollu u mhux biss l-istqarrijiet impunjati speċifikatament mill-persuna aggravata**, li għandhom jinqraw u jiġu kkunsidrati. It-test huwa wieħed oġġettiv li jfisser li għandu jittieħed neċessarjament in konsiderazzjoni l-kuntest **kollu** tal-pubblikazzjoni biex jiġi stabbilit jekk il-pubblikazzjoni twassal imputazzjoni li hija diffamatorja[11].

Il-Qorti tosserva illi l-artikolu impunjat jirreferi ripetutament għal rapporti oħrajn li jidher li kienu diġa' pubblikati fil-midja fir-rigward tal-użu tas-siġġu ("*restraint chair*") ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin bħala forma ta' kastig u umiljazzjoni ("***The prison administration has recently come under fire following reports*** *that inmates were being bound to a chair as a form of punishment and humiliation*"[12]). Fil-fatt, l-artikolu impunjat jirrapporta li l-Ministru Byron Camilleri kien diġa' ntalab jikkummenta dwar l-eżistenza tas-siġġu ta' kastig fejn ċaħad li jeżisti siġġu tal-kastig iżda qal li kien seħħ episodju fejn priġunier kien intrabat ma' siġġu fuq parir mediku. Huwa rapportat ukoll fl-artikolu illi b'risposta għal mistoqsija parlamentari, l-istess Ministru qal li huwa minnu li s-siġġu kien intuża għall-irbit ta' priġunier iżda dan għal ħmistax-il minuta u fuq parir mediku. L-artikolu jkompli jirrapporta li in segwitu għal din ir-risposta, il-Membru Parlamentari Beppe Fenech Adami kien sejjaħ għal iktar informazzjoni mingħand il-Ministru Camilleri, permezz ta' sitt mistoqsijiet parlamentari dwar min kien l-uffiċjal tal-ħabs li ta l-ordni għall-użu tas-siġġu, b'liema

[10] Gatley *ibid.* – 2.28. page 66.

[11] Fid-deċiżjoni fil-każ ċelebri **Jeynes v. News Magazines Ltd** - (2008) EWCA Civ 130, p. 14 - ġie ritenut awtorevolment illi "*(1) the governing principle is reasonableness. ... (5) The article must be read as a whole, and any 'bane and antidote' taken together...*"

[12] Emfasi tal-Qorti.

mod ġie mrażżan il-priġunier, id-data u l-ħin tal-episodju, l-eta' tal-priġunier u jekk kienx hemm tabib preżenti. Ġie rapportat ukoll li dawn il-mistoqsijiet parlamentari baqgħu ma ġewx imwieġba mill-Ministru Camilleri, li rrefera għar-risposta oriġinali tiegħu. Jirriżulta wkoll minn dak rapportat fl-artikolu impunjat, illi l-attur kien ġie intervistat fuq il-programm televiżiv L-Erbgħa Fost il-Ġimgħa iżda kien evita li jwieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu dwar is-siġġu, fejn insista li dan qatt ma ntuża għal skopijiet ta' kastig iżda wara serje ta' ċaħdiet, stqarr li l-liġi tippermetti t-trażżin ta' priġunieri.

Għalkemm il-konvenuti ma ġabux prova speċifika ta' dawn il-pubblikazzjonijiet preċedenti fil-midja li ġew imsemmija fl-artikolu impunjat, biex juru li fil-fatt, din il-materja kienet ġia' qed tiġi dibattuta fil-midja, l-attur ma jiċħadx l-eżistenza tal-pubblikazzjonijiet preċedenti u m'huwiex jikkontesta illi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat, il-materja dwar l-eżistenza tas-siġġu tal-kastig kienet diġa' qiegħda tingħata prominenza fil-midja. Speċifikatament, ma jiċħadx li kien hemm rapporti preċedenti fil-midja fir-rigward ta' din l-allegazzjoni u illi hu kien ġie intervistat f'dak l-istess żmien fuq programm televiżiv fejn, meta ġie mistoqsi dwar l-użu tas-siġġu, wieġeb li dan qatt ma ntuża għall-fini ta' kastig ta' xi priġunier. **Kemm hu hekk, fix-xhieda tiegħu jisħaq illi l-istorja pubblikata f'dan l-artikolu hija "*riċiklata*".** L-attur ma jinnegax lanqas illi qabel ġie pubblikat l-artikolu tat-22 ta' Diċembru 2020 huwa ġie mitlub mill-gazzetta MaltaToday biex jagħti l-kummenti tiegħu dwar l-allegazzjoni li Alfred Bugeja 'il-Porporina' għamel ħin twil marbut ma' dan is-siġġu fiċ-ċentru tal-ħabs bħala kastig wara li kien ipprotesta kontra l-ordnijiet dwar l-ilbies tal-unformijiet. Ma jikkontestax lanqas illi l-kummenti rapportati fl-artikolu bħala tiegħu, huma tassew il-kummenti li rrilaxxa lill-gazzetta fir-rigward.

Għall-Qorti huwa ftit spjegabbli kif l-attur ħassu malafamat bl-istqarrijiet impunjati minnu fl-artikolu in diżamina, meta mhux qed jikkontesta illi l-allegazzjonijiet dwar l-użu ta' siġġu ta' kastig fil-ħabs u rapporti dwar priġunieri li ntrabtu ma' dan is-siġġu fuq ordnijiet tiegħu, kienu diġa' qegħdin jiċċirkolaw fid-demanju pubbliku u pubblikati fil-midja, tant illi huwa stess xehed li "*din l-istorja tas-siġġu tal-kastig hija*

***storja riċiklata*** ...". Fil-fatt, kif ġia' stabbilit, l-allegazzjonijiet u rapporti dwar l-uzu tar-*restraint chair* fil-ħabs fuq ordnijiet tal-attur, kienu ġew rapportati preċedentement tant illi anke saru diversi mistoqsijiet parlamentari sewwasew mal-irbit ta' priġunier mas-siġġu, fejn il-Ministru Byron Camilleri kien stqarr li kien hemm priġunier li ntrabat mas-siġġu fuq parir mediku, kienu saru wkoll diversi mistoqsijiet parlamentari fir-rigward ta' dan il-priġunier u l-attur innifsu ġie konfrontat speċifikatament bl-allegazzjoni li s-siġġu ntuża għal kastig waqt intervista imxandra fuq l-istazzjon nazzjonali fejn l-artikolu in diżamina jirrapporta li l-attur f'dik l-intervista insista li s-siġġu qatt ma ntuża għall-fini ta' kastig.

Għandu jingħad illi fid-determinazzjoni ta' jekk il-persuna aggravata sofrietx jew tista' ssofri b'mod inġenti ħsara serja lir-reputazzjoni, huwa relevanti jekk l-allegazzjonijiet impunjati kienux ġew pubblikati preċedentement. Fil-fatt, jinsab ritenut illi:-

"*... whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee,* ***the claimant's current reputation*** *and financial position,* ***and whether similar allegations have been published before****.*[13]

Applikat dan għall-każ in diżamina, il-Qorti hi tal-fehma illi jekk għandu jiġi aċċettat li r-reputazzjoni tal-attur sofrietx xi ħsara serja, din il-ħsara ġiet ikkaġunata **qabel**, meta feġġew l-ewwel pubblikazzjonijiet dwar l-allegazzjoni tal-użu tar-*restraint chair* mill-attur biex jikkastiga jew jiddixxiplina lill-prigunieri, u mhux bir-ri-pubblikazzjoni ta' dawn ir-rapporti u lanqas bl-allegazzjoni li Alfred Bugeja l-Porporina ntrabat ma' dan is-siġġu fuq ordni tiegħu. Kollox magħdud il-Qorti fehmet illi l-attur ħassu aggravat għaliex l-istorja ġiet, fi kliemu stess, "*sensazzjonalizzata*" bl-allegazzjoni li

---

[13] Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41, 2.5. Bħala parti minn dan l-istħarrig:- "*Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant. The focus will be on the effect or potential effect of the statement on the reputation, rather than the feelings, of the claimant*" - Collins on Defamation (2014 Ed.) p. 154 7.32.

wieħed mill-vittmi tal-użu ta' dan is-siġġu bħala kastig, kien priġunier notorju, Alfred Bugeja il-Porporina.

Dan kollu jwassal lill-Qorti tikkunsidra illi jekk allura l-asserzjonijiet dwar l-użu tal-*restraint chair* fuq prigunieri kienu, skont l-attur innifsu, riċiklati - u huwa tassew ippruvat illi l-asserzjoni dwar dan l-użu fuq prigunieri bħala forma ta' kastig kienet diga' qed tiġu dibattuta fil-pubbliku u pubblikata fil-midja - il-fatt illi l-artikolu impunjat kull ma għamel allegazzjoni speċifika li kien Alfred Bugeja li ntrabat ma dan is-siġġu bħala kastig, ma jista' jikkaġuna ebda ħsara li r-reputazzjoni tal-attur, wisq inqas ħsara li hija serja. Fil-fehma tal-Qorti **l-iżvelar tal-isem tal-prigunier fil-pubblikazzjoni mhu ta' ebda konsegwenza għar-reputazzjoni tal-attur** u kull ma jista' jagħmel ikompli jikkontribwixxi għall-ħsara li talvolta setgħet diġa' ġiet ikkaġunata bil-pubblikazzjoni tal-allegazzjoni li fil-ħabs immexxi mill-attur qed jintuża *restraint chair* bħala forma ta' kastig tal-priġunieri. **Fil-fatt, il-Qorti tqis illi jekk kien hemm xi ħadd li seta' ħassu inġurjat bil-pubblikazzjoni tal-isem tal-priġunier li allegatament intrabat ma' dan is-siġġu, dan seta' kien biss Alfred Bugeja nnifsu u mhux l-attur.** Tant hu hekk, Alfred Bugeja xehed illi minħabba l-pubblikazzjoni ta' dan l-artikolu, li fih ritratt imdaqqas tiegħu bil-kulur, kellu xi jgħid ma' martu għaliex ċanfritu li ma riedx jitgħallem kif iġib ruħu, in-nies jidħku bih u ġie avvelit ma' Malta kollha[14].

Huwa minnu illi l-allegazzjoni dwar l-użu fuq ordni tad-Direttur ta' faċilita' korrettiva ta' *restraint chair* għal skopijiet ta' dixxiplina, kastig jew umiljazzjoni tal-priġunieri, hi ta' natura inerentement gravi għaliex kif rajna, din timpinġi negattivament fuq il-kompetenza tiegħu għar-rwol ta' tmexxija ta' ħabs, li hija kariga pubblika, u hi kapaċi tikkaġuna ħsara sejra għar-reputazzjoni għaliex ġiet ippubblikata fuq *online news portal* li huwa mezz ta' *mass media*, iżda l-Qorti wara li kkunsidrat il-pubblikazzjoni sħiħa u l-fatt illi l-unika allegazzjoni ġdida li jidher li ġiet pubblikata fl-artikolu

---

[14] Ara wkoll recording ta' telefonata esebita mill-attur (Dok. A, fol. 22) fejn persuna li huwa jgħid li huwa Alfred Bugeja, jinsema' jhedded lill-konvenut Karl Azzopardi dwar il-pubblikazzjoni tal-artikolu fejn jissemma' li ġie marbut mas-siġġu.

impunjat, hija li l-priġunier li skont allegazzjonijiet li kienu qed isiru fid-demanju pubbliku ntrabat ma' dan is-siġġu, kien il-Porporina, hi tal-fehma li qajla jista' dan l-artikolu fih innifsu jitqies li kkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur. Tqis ukoll illi l-element ta' sensazzjonaliżmu *ut sic* mhux biżżejjed biex jikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu mistħarrġa u deċiżi l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti fir-Risposta tagħhom, li bihom laqgħu għall-azzjoni tal-attur.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis li jkun opportun li tibda biex tistħarreġ ir-raba' eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuti, fejn jikkontendu li l-pubblikazzjoni hija dwar materja ta' interess pubbliku u li kienu qegħdin jaqdu dmirijiethom jirrapportaw dwar aħbar ta' importanza pubblika f'soċjeta' demokratika.

In sostanza, din hija d-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

*1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li –*
*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u*
*(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

Din id-difiża hija l-prodott ta' żviluppi ġurisprudenzjali tal-privileġġ bażiku li dejjem ingħata lir-rapportaġġ dwar materji ta' interess pubbliku (*reporting privileges*), liema privileġġ isib l-oriġini tiegħu fil-fatt illi:-

"*... the information was already public and a newspaper carrying the report was doing no more than bringing it to the attention of its legitimate audience:* [however,

these reporting privileges] ... *offered no protection to material originated by the newspaper or to 'investigative journalism'.*"[15]

Din is-sitwazzjoni nbidlet bid-deċiżjoni fil-każ **Reynolds v. Times Newspapers Ltd** fejn l-iskop tal-protezzjoni li ngħatat lill-midja ġie estiż għaliex "*the protection does not depend on the extent to which the maker of the statement has made proper investigations: ... the issue is whether the defendant acted honestly (i.e. without malice)...*"[16]

Din id-difiża llum ġiet kodifikata b'kriterji speċifiċi sija taħt id-Defamation Act UK 2013 u sija wkoll taħt l-Artikolu 5 tal-Att (riproduzzjoni *verbatim*), fejn il-konvenut irid qabel xejn jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, irid ikun dwar materja ta' interess pubbliku.

L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku sewwasew biex din il-kwistjoni tiġi deċiża mill-qorti skont il-każ li jkun. Fil-fehma ta' din il-Qorti, iżda, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu b'mod ġenerali li huma materji ta' interess pubbliku, għaliex huma materji:-

"... '*such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others*."[17]

Ukoll, jitqies li huwa ta' interess pubbliku materja li tikkonċerna:

"*... the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[18]

---

[15] Gatley, On Libel and Slander, 2013 Ed. 14.1, p. 532.

[16] Gatley, *ibid.* 14.2, p. 534.

[17] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.

[18] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143. Gatley jelenka serje ta' materji oħrajn li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:- *"... the business of government and political conduct; ... the fair and*

F'*Reynolds*, Lord Nicholls irrimarka illi "*the court should be slow to conclude that a publication was not in the public interest and, therefore, the public had no right to know, especially when the information is in the field of politicial discussion. Any lingering doubts should be resolved in favour of publication*"[19].

Kif rajna, l-attur kien fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata, il-kap eżekuttiv tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u fil-fehma tal-Qorti l-komportament tiegħu f'kariga pubblika u importanti bħal din u allegazzjonijiet konċernanti aġir abbużiv da parti tiegħu sewwasew fl-eżekuzzjoni ta' dmirijietu u fit-trattament tal-priġunieri taħt il-kontroll tiegħu, jikkonċernaw indubbjament materja ta' interess pubbliku. Il-pubbliku għandu interess leġittimu li jirċievi informazzjoni dwar il-mod kif uffiċjali f'karigi għoljin fis-servizz pubbliku jwettqu dmirijiethom, speċjalment meta dawn id-dmirijiet ma jkunux qegħdin jitwettqu skont l-etika u l-liġi jew b'konformita' mal-aspettattivi tas-soċjeta' jew fl-aħjar interess tagħha. Bl-istess mod, il-ġornalist li jirċievi l-informazzjoni għandu dmir li, wara li jagħmel il-verifiki opportuni biex jassigura li din hi miksuba minn sorsi affidabbli u jkollha bażi fattwali soda, iwassalha lill-pubbliku b'mod imparzjali, akkurat, oġġettiv u sħiħ. Il-Qorti tifhem illi l-funzjoni tal-ġornaliżmu etiku huwa l-qadi tal-interess pubbliku, fejn ġornalisti huma mistennija jaħdmu b'mod ħieles u mingħajr kunflitti ta' interess jew indħil minn forzi esterni li jistgħu jissopprimu t-trasmissjoni jew aċċess ħieles għal informazzjoni u dibattitu miftuħ fuq materji ta' interess pubbliku.

Għalkemm mhux meħtieġ illi kull silta fil-pubblikazzjoni tiġi ġustifikata bħala materja ta' interess pubbliku, għaliex l-istorja trid tittieħed b'mod sħiħ biex jiġi determinat jekk ġietx ippubblikata dwar materja ta' interess pubbliku, għandu jiġi senjalat ukoll li jista' jkun il-każ fejn għalkemm minn perspettiva wiesa', is-soġġett in materja fil-pubblikazzjoni jitqies li huwa ta' interess pubbliku ġenerali, mhux l-istess jgħodd għall-istqarrija speċifika taħt skrutinju, bir-riżultat li d-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att

*proper administration of justice; … the conduct of the police; cheating, corruption … involvement in serious crimes; corporate malpractice; …"*

[19] P. 205 tas-sentenza.

ma ssibx riskontru in kwantu l-kontenut **kollu** tal-pubblikazzjoni. Jeħtieġ f'kull każ illi jiġi determinat jekk huwiex raġjonevoli li l-istqarrija speċifika impunjata titqies bħala parti mill-materja li hija ta' interess pubbliku (hawnhekk jidħol l-element tal-ġudizzju editorjali tal-pubblikatur (*editorial judgement*)).

Fil-każ in diżamina, l-Qorti, kif diġa' rrimarkat qabel, fehmet illi l-unika dikjarazzjoni ġdida li ġiet ippubblikata fl-artikolu impunjat hi l-identita' ta' priġunier li skont rapporti preċedenti fil-midja, ingħad li ġie marbut fir-*restraint chair* fuq ordni tal-attur u dan għal tul ta' ħin sostanzjali fil-preżenza ta' priġunieri oħrajn. Huwa minnu li din l-allegazzjoni seta' jkompli jżid mal-gravita' tal-allegazzjonijiet diġa' pubblikati iżda essenzjalment, jekk kienx fl-interess pubbliku li jiġi pubblikat l-isem tal-priġunier huwa fil-fehma tal-Qorti irrelevanti f'dan il-każ, għaliex dan il-fattur ma jista' jkun ta' ebda ħsara lir-reputazzjoni tal-attur iżda semmai biss tal-priġunier, ċioe' Alfred Bugeja li, kif diġa' ġie stabbilit, xehed li ħassu umiljat u "*avvelit*" kif ukoll impinġi bħala persuna "*taċ-ċajt*". Iżda din l-azzjoni għal malafama ġiet istitwita mhux minn Alfred Bugeja iżda mill-attur.

Stabbilit l-interess pubbliku tal-materja ppubblikata, imiss li jiġi mistħarreġ it-tieni rekwiżit li jeħtieġ li jiġi sodisfatt biex ir-rapportaġġ dwar materja ta' interess pubbliku jingħata l-protezzjoni tal-liġi, ċioe' jekk il-pubblikatur raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku - kriterju li inerentement jeskludi l-eżistenza tal-malizzja jew malafede.

Dan it-tieni rekwiżit jeħtieġ li jiġi sodisfatt sija mill-perspettiva soġġettiva tal-pubblikatur kif ukoll mil-lat oġġettiv u dan billi jiġi stabbilit li l-pubblikatur aġixxa skont standards ta' *responsible journalism*[20].

Il-liġi, fid-dispożizzjonjiet tal-Att li jirregolaw id-difiza tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, tipprovdi li fid-deċiżjoni dwar jekk kienx raġonevoli

[20] **Flood v. Times Newspapers Ltd.**, Lord Mance qal "*it will not be, or is unlikely to be, in the public interest to publish material which has not been the subject of responsible journalistic inquiry and consideration*".

għall-konvenut li jemmen li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet fl-interess pubbliku, il-Qorti għandha tippermetti ġudizzju editorjali.

Il-kunċett tal-ġudizzju editorjali ġie mfisser mill-House of Lords fid-deċiżjoni fil-każ **Flood v Times Newspapers Limited** (2012), hekk:-

"*although the question of whether the story as a whole as a matter of public interest must be determined by the court, the question of whether defamatory details should have been included is often a matter of how the story should have been presentend. On that issue, allowance should be made for editorial judgement*".[21]

Jingħad ukoll li għall-fini tal-eżerċizzju fejn għandu jiġi determinat jekk ir-rapportaġġ taħt skrutinju huwiex konformi mal-kriterji ta' ġornaliżmu responsabbli, il-ġornalisti għandhom igawdu minn kejl wiesa' ta' diskrezzjoni u apprezzament professjonali u l-qrati għandhom jevitaw li jissostitwixxu l-fehmiet tagħhom dwar liema tekniċi tar-rapportaġġ kellhom jiġu addottati fil-każ speċifiku. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh illi l-istandard li huwa mistenni minn ġornalist responsabbli m'huwiex il-perfezzjoni: il-pożizzjoni għandha tiġi analizzata komplessivament b'dan illi ommissjonijiet jew ineżattezzi fir-rapportaġġ li, meqjus il-kuntest sħiħ, jistgħu jitqies li huma minuri fir-rapportaġġ, ma għandhomx ikunu fatali għal din id-difiża.

Il-perspettiva oġġettiva teħtieġ li ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz jiġu kkunsidrati, fosthom il-materji identifikati minn Lord Nicholls fid-deċjiżjoni **Reynolds v. Times Newspapers Ltd**[26], f'lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li huma relevanti għall-materja dwar jekk l-i*standards* ta' ġornaliżmu responsabbli, intlaħqux fil-każ taħt eżami[22].

---

[21] Per Lord Dyson – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647

[22] Lord Nicholls elenka s-segwenti kriterji:- 1. *The seriousness of the allegation. The more serious the charge, the more the public is misinformed and the individual harmed, if the allegation is not true. 2. The nature of the information, and the extent to which the subject-matter is a matter of public concern. 3. The source of the information. Some informants have no direct knowledge of the events. Some have their own axes to grind, or are being paid for their stories. 4. The steps taken to verify the information. 5. The status of the information.*

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-fatt illi l-konvenuti evidentement irrapportaw allegazzjonijiet li saru f'pubblikazzjonijiet preċedenti fil-midja, ma jeħlsihomx mir-responsabbilita' għal malafama purche' jiġi ppruvat li l-imputazzjoni li tkun saret fil-pubblikazzjoni impunjata hi diffamatorja għaliex tikkaġuna fiha nnifisha, ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Iżda fl-istess ħin għandu jingħad illi l-fatt illi l-allegazzjonijiet kienu diġa' ġew pubblikati fil-midja jikkontribwixxi għall-inferenza illi l-passi li ttieħdu biex tinġabar u tiġi pubblikata l-informazzjoni, kienu responsabbli.

Barra minn hekk, huwa ta' importanza fondamentali l-osservazzjoni illi skont ma jirriżulta mill-artikolu nnifsu, **il-konvenuti staqsew lill-attur preventivament għall-kummenti u l-verżjoni tiegħu dwar l-allegazzjonijiet konċernanti Alfred Bugeja l-Porporina u ppubblikaw iċ-ċaħda tiegħu tal-allegazzjoni dwar il-Porporina mhux biss b'mod prominenti fil-korp tal-artikolu – sewwasew fl-ewwel sentenza kif ukoll fit-tielet paragrafu – iżda wkoll fit-titolu nnifsu: '*Corradino inmate strapped to restraint chair, prison director denies*'**[23]. Dan il-fatt jimmilita sostanzjalment favur il-kriterju ta' *responsible journalism*, tant illi jinsab ritenut illi: "*where the defendant already has the claimant's version of events, failure to publish that will almost inevitably count against the defendant*"[24].

Il-Qorti tqis ukoll illi huwa evidenti li l-pubblikazzjoni tal-allegazzjonijiet impunjati saret fi żmien propizju u ċertament mhux il-każ illi l-konvenuti ħadu d-deċiżjoni li jippubblikaw l-informazzjoni li wasslitilhom, bħal sajjetta fil-bnazzi jew mingħajr kuntest jew sfond relevanti. Evidentement, il-materja tal-użu tas-siġġu tal-kastig fil-ħabs fuq ordnijiet tal-attur, kienet qed tiġi diksussa fid-demanju pubbliku u mill-midja

---

*The allegation may have already been the subject of an investigation which commands respect. 6. The urgency of the matter. News is often a perishable commodity. 7. Whether comment was sought from the plaintiff. He may have information others do not possess or have not disclosed. An approach to the plaintiff will not always be necessary. 8. Whether the article contained the gist of the plaintiff's side of the story. 9. The tone of the article. A newspaper can raise queries or call for an investigation. It need not adopt allegations as statements of fact. 10. The circumstances of the publication, including the timing.*

[23] Enfasi tal-Qorti.

[24] **Reynolds v. Times Newspapers Ltd.**, *ibid.*

sewwasew fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata, li jfisser li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati kienet f'waqtha u, in sostanza, ġustifikata mill-okkażjoni. Dan ikompli jafferma li oġġettivament, il-pubblikatur seta' raġjonevolment jemmen li l-pubblikazzjoni dak iż-żmien kienet dwar materja ta' interess pubbliku.

Jingħad ukoll illi fl-istħarriġ dwar it-tieni rekwiżit għas-suċċess tad-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materjal ta' interess pubbliku, "*the truth or falsity of the allegation complained of is not one of the relevant circumstances* [of the reasonable belief test]".[25] F'kull każ, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-allegazzjoni li kien tassew Alfred Bugeja 'il-Porporina' il-priġuner li ntrabat fir-*restraint chair* huwa sostanzjat sa ċertu grad mix-xhieda tal-istess Alfred Bugeja. Il-fatt li Alfred Bugeja xehed li l-prigunier David qallu li kien diga' sema' qabel b'din l-allegazzzjoni - għalkemm ma jfissirx li hija prova li fil-fatt is-sorsi tal-konvenuti kienu qed iwasslulhom fatti veri - hija prova li dak li ppubblikaw il-konvenuti dwar il-Porporina kien ibbażat fuq allegazzjoni li tassew kienet qed tiċċirkola fil-ħabs.

Dan jagħti sostenn lill-verżjoni tal-konvenut Karl Azzopardi fix-xhieda tiegħu li din l-informazzjoni twasslitlu mis-sorsi tiegħu ġewwa l-ħabs. Ifisser ukoll illi ġaladarba l-informazzjoni kienet provenjenti mill-ħabs innifsu, il-konvenuti setgħu raġjonevolment jemmnu li kien fl-interess pubbliku li jippubblikaw l-allegazzjoni li l-priġunier li nqafel fis-siġġu u li kien is-soġġett tal-kontroversja għaddejja dak iż-żmien, kien il-Porporina. Dan qed jingħad ukoll anke għaliex huwa fatt stabbilit mill-provi illi fil-ħabs jeżisti *restraint chair* u illi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata kien fatt pubbliku (żvelat b'risposta għal mistoqsija parlamentari) li dan kien intuża biex prigunier jintrabat miegħu fuq parir mediku.

Huwa minnu li f'dan il-każ jista' jkun li l-verżjoni tas-sorsi tal-konvenuti seta' ma kienetx korretta għaliex hi kontradetta bl-iktar mod kategoriku minn Alfred Bugeja

---

[25] **Economou v. De Freitas** (2016) EWHC 1853 (QB). Ġie ritenut ukoll: "*It is not necessary or relevant to determine whether the publication was true or not. None of Lord Nicholls 10 considerations require such a determination and some of them (for example number 8), positively suggest otherwise.*" – **GKR Karate (UK) Ltd v. Yorkshire Post Newspapers Ltd** (2001) 1 WL 2571 at 2578-2579.

nnifsu fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, u jista' jkun ukoll li l-konvenuti setgħu naqsu milli jivverifikaw din il-verżjoni ma' Alfred Bugeja nnifsu qabel ippubblikaw l-artikolu impunjat, iżda l-Qorti hi tal-fehma illi f'dan il-każ, in-nuqqas tal-konvenuti li jieħdu xi passi biex jivverifikaw il-verita' tal-istqarrija in diżamina, ma hijiex determinanti u lanqas relevanti.

**Dan qed jingħad għaliex hija l-fehma tal-Qorti li f'dan il-każ huwa riskontrabbli każ klassiku ta' '*reportage*': privileġġ żviluppat reċentement[26] iżda ben rikonoxxut fil-liġi tad-diffamazzjoni**, tant illi ġie kodifikat espressament fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 5 tal-Att bħala parti mid-difiza tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku. Din id-dispożizzjoni legali hi fil-fatt riproduzzjoni *verbatim* tal-artikolu analogu, l-artikolu 4(3), fid-Defamation Act UK, 2013, u tipprovdi:-

"*Jekk id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, rendikont preċiż jew imparzjali ta' kwistjoni li fiha l-konvenut*[27] *kien parti, il-Qorti għandha, fid-deċiżjoni jekk kienx raġonevoli jew le li l-konvenut jemmen li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni kienet ta' interess pubbliku, ma tagħtix każ ta' xi ommissjoni tal-konvenut li jieħu passi sabiex jivverifika l-verità tal-imputazzjoni mwassla minnha.*"

Dan il-privileġġ ġie mfisser hekk:-

"*to qualify as reportage, the report, judging the thrust of it as a whole, must have the effect of reporting, not the truth of the statements, but the fact that they were made ... If upon a proper construction of the thrust of the article the defamatory material is attributed to another and is not being put forward as true, then a responsible journalist would not need to take steps to verify its accuracy. He is absolved from that*

---

[26] L-ewwel każ fejn dan il-privileġġ ġie rikonoxxut kien fid-deċiżjoni fil-każ **Al-Fagih v HH Saudi Research & Marketing (UK) Ltd.** (2001) EWCA Civ. 1634.

[27] Għandu jingħad illi l-ewwel referenza għall-"*konvenut*" saret evidentement bi żball u r-referenza kellha tkun għall-attur, ċioe' il-persuna aggravata. Wara kollox, fit-test analogu bl-Ingliż, ir-referenza hi għal "*the claimant*".

*responsbility because he is simply reporting in a neutral fashion the fact that it has been said without adopting the truth.*"[28]

Għall-Qorti hu evidenti minn qari tal-artikolu sħiħ li kien hemm kontroversja pubblika eżistenti dwar il-mezzi ta' dixxiplina li kienu qed jiġi implimentati mill-attur ġewwa l-ħabs, f'liema kwistjoni l-attur kellu parti ċentrali. Jirriżulta wkoll li l-artikolu tal-konvenuti qiegħed jirrapporta allegazzjoni oħra f'serje ta' allegazzjonijiet li kienu qed isiru b'rabta ma' din il-kontroversja[29]. Għalkemm mhux rikjest għas-suċċess tad-difiża ta' *reportage* li l-pubblikatur jiddiskosta ruħu formalment mill-allegazzjonijiet riportati fl-artikolu impunjat, ma jirriżultax li f'dan il-kaz tal-lum, l-artikolu jħaddan jew jaddotta bħala korretta jew vera l-allegazzjoni li l-Porporina kien il-priġunier li ntrabat mar-restraint chair jew l-allegazzjoni li l-attur jikkastiga u jumilja lill-priġunieri bl-użu ta' dan is-siġġu. Fil-fatt, l-attur imkien ma sostna li r-rapportaġġ tal-konvenuti fl-artikolu m'huwiex preċiż jew imparzjali jew li tħallew barra verżjonijiet jew stqarrijiet relevanti għall-materja.

Il-Qorti fliet l-artikolu sħiħ u tqis li r-rapportaġġ fl-artikolu huwa newtrali u bilanċjat fejn ġew pubblikati b'mod skjett il-verzjonijiet kollha ta' min hu involut b'xi mod fil-kontroversja, speċifikatament il-verżjoni tal-attur u ċ-ċaħdiet kollha tiegħu. Ukoll, **lil hinn miċ-ċaħdiet kategoriċi tal-attur, il-konvenuti rrapportaw in-nuqqas tal-attur milli jwieġeb għall-mistoqsija speċifika dwar jekk Bugeja kienx ġie mrażżan fis-siġġu fuq parir ta' professjonist mediku. Mistoqsija li kkonsegwiet l-istqarrija tal-Ministru Byron Camilleri – ukoll espressament rapportata fl-artikolu – li kien hemm okkażjoni fejn priġunieri ġie marbut ma' siġġu fuq parir ta' tabib.**

[28] **Roberts v. Gables**, 2007 EWCA Civ. 721.
[29] Gatley ifisser l-applikabbilita' ta' dan il-privileġġ hekk: "*where the story unfolds day by day ..., the existence of a dispute generally explains the derogations from the normal Reynolds requirements* (of responsible journalism)" u "*... there was reportage when what was being reported was the mere fact that the allegation had been made but not where the report could be said to adopt the allegation.*" – 15.17, p. 664/665.5

Ġie ritenut fir-rigward: "*So long as the reporting is fair and balanced, ... this does not mean that it must be bland. Nor does it require that the defendant should be denied the possibility of showing pleasure in reporting the matter.*"[30]

Fil-fatt, il-Qorti tqis illi l-artikolu impunjat, speċifikatament id-dikjarazzjonjiet espressament impunjati mill-attur, ma fih ebda stqarrija tal-konvenuti li l-istorja tal-Porporina hija l-verita' iżda jirrapporta l-fatt illi hekk qalu s-sorsi tal-gazzetta. Fil-fatt, it-ton tal-artikolu hu oġġettiv anzicche`soġġettiv, u hu evidenti li l-kliem intgħażlu b'attenzjoni biex ma jwasslux impressjoni li l-ġornalist qed jesprimi l-ġudizzju tiegħu: "*'Il-Porporina'* ***was said to have been*** *strapped to the infamous restraint chair, multiple sources who spoke to MaltaToday have confirmed.*" u "*The prison administration has* ***recently come under fire following reports*** *that inmates were being bound...*"[31] F'kull każ, jinsab ritenut li l-fatt li l-pubblikatur jaddotta ton kritiku ma jwaqqax id-difiża[32].

Għaldaqstant tqis illi f'dan il-każ, billi huma ravvizabbli l-kriterji tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 5 tal-Att, kwalsiasi ommissjoni tal-konvenuti li jieħdu xi passi sabiex jivverifikaw il-verità tal-imputazzjoni mwassla minnhom, ma għandhiex tingħata piż mill-Qorti fid-deċiżjoni tagħha dwar jekk kienx raġonevoli jew le li l-konvenuti jemmnu li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni kienet ta' interess pubbliku.

In konklużjoni, kwantu għat-test soġġettiv tad-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att, il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi, hija tal-fehma illi ma ġie ppruvat bl-ebda mod illi l-konvenuti f'dan il-każ ma kienux jew ma setgħux raġjonevolment jemmnu, minn perspettiva soġġettiva u fl-assjem tal-fatturi kollha appena kkunsidrati, li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet tal-konvenut, impunjati mill-attur, ma kienux dwar materja ta' interess pubbliku. Din il-prova ġeneralment issir billi jintwera li l-

---

[30] **Roberts v. Gable**, *ibid.*

[31] Enfasi tal-Qorti.

[32] Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni fil-każ **Verlagsgruppe News GMBH v. Austria** qalet hekk, f'każ fejn rikonoxxiet li l-artikolu in kwistjoni kien sewwasew kaz ta' *reportage*: "*It is certainly true that the article at issue reflected a rather critical approach ... This cannot however, justify the conclusion that the article identified and adopted the content of the impugned statements of the quoted passage.*"

pubblikatur naqas b'mod deliberat milli jsemmi fatti jew provi skolpanti noti lilu jew billi jintwera li bħala fatt, ma kien hemm l-ebda bażi fattwali għall-kumment.

Iżda f'dan il-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova fl-atti li turi illi l-konvenuti naqsu xjentement milli jsemmu xi fatt eżistenti dak iż-żmien jew li aġixxew b'malizzja: kif ingħad, l-attur u l-Ministru (presumibbilment il-Ministru responsabbli għall-ħabs) ma weġbux għall-mistoqsijiet li sarulhom mill-konvenut fir-rigward. Fuq kollox, il-fatt li ntbagħtulhom dawn il-mistoqsijiet ma ġiex kontradett mill-attur. Għalhekk, jekk kien hemm xi nuqqas ta' rapportaġġ dwar fatti skolpanti, dan hu imputabbli lill-attur u lill-Ministru u mhux lill-konvenuti.

Għandu jingħad, in konklużjoni, illi b'dan kollu l-Qorti mhux qiegħda ssostni jew timplika li mhux minnu li l-attur wettaq riformi importanti u pożittivi fil-ħabs, li ma kienx persuna ta' integrita' u għaqal f'xogħlu, jew li ma kienx rispettat mill-priġunieri u jew l-uffiċjali tal-ħabs, iżda kollox magħdud, tqis li l-istqarrijiet impunjati mill-attur fil-pubblikazzjoni mertu ta' din il-kawza, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jissodisfaw il-ħtiġiet kollha tad-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att, b'dan illi l-pubblikazzjoni qiegħda titqies li hija rapportaġġ in buona fede dwar materja ta' interess pubbliku kif eċċepit fir-raba' paragrafu tar-Risposta u kwindi, m'hijiex diffamatorja.

**Għal dawn il-motivi qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjonijiet u tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti fir-Risposta tagħhom, tilqa' r-raba' eċċezzjoni tagħhom u konsegwentement tiċħad it-talba tal-attur Alexander Dalli, bl-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

/